

V

(Opinjoniġiet)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5759 – Macquarie Funds/Antin IP/Pisto Group)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/C 4/06)

1. Fit-23 ta' Diċembru 2009 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-Macquarie Funds u l-Antin Infrastructure Partners ("Antin IP", Franza), jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 il-kontroll konġunt ta' Macquarie Strategic Storage Facilities Holdings S.a.r.l. ("MSSFH", il-Lussemburgu) u s-sussidjarji tagħha (flimkien "Il-Grupp Pisto", Franza), permezz tal-għoti ta' ċerti drittijiet kuntrattwali ta' veto.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal Macquarie Funds: attivitajiet ta' investiment finanzjarju u infrastrutturali,
 - għal Antin IP: fond ta' investiment infrastrutturali sponsorjat minn BNP Paribas li huwa fornitur ibbażat fi Franza ta' servizzi bankarji u finanzjarji; u wkoll,
 - għall-Grupp Pisto: attiv fis-settur tal-ħażna ta' prodotti taż-żejt.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5759 – Macquarie Funds/Antin IP/Pisto Group, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.